# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Mejju, 2019**

**Numru 2**

**Ċitazzjoni Numru 836/04TA**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C-3177)**

**vs**

**1) Lloyd's Malta Limited (C-24248) bħala rappreżentant 'ex lege' tal-membri ta' Lloyds li jirriżultaw mill-annessa skeda mmarkata Dok 'C' li jifformaw parti mis-sindakati numru 1027, 1239, 1069, 1173, 947 u 991 u relattivament għall-Empoyers Liability Insurance Policy Numru EL005088 u Group Personal Accident Insurance Policy Numru GPA 005086; 2) Micallef Insurance Agency Limited (C-5660) bħala aġent lokali tas-soċjeta` estera Independent Insurance Company Limited (In Provisional Liquidation); 3) Atlas Insurance Limited (C-5601) bħala suċċessur fid-drittijiet u obbligi ta' AXA Insurance plc; 4) Allcare Insurance Agency (C-8180) Limited bħala aġent għan-nom u in rappresentanza tad-ditta ta' assikurazzjoni estera Assicurazzione Generali S.p.a; 5) Citadel Insurance plc (C-21550); 6) Elmo Insurance Limited (C-3500) bħala suċċessur fid-drittijiet u obbligi ta' Royal and Sun Alliance Insurance Group Plc.**

**Il-Qorti:**

Rat iċ-Ċitazzjoni tas-Soċjeta` Attriċi ppreżentata fl-1 ta' Novembru 2004 u maħlufa fl-istess jum mill-P.L. Adrian Borg li permezz tagħha ppremettiet u talbet is-segwenti:-

"Peress illi l-konvenuti kienu ħarġu flimkien bejniethom għaxar (10) poloz ta' assikurazzjoni differenti a favur tal-Bank attur u dan b'seħħ mill-1 ta' Jannar 1996 u debitament mġedda.

Peress illi ċertu Cettina Cilia, illum defunta, kienet manager fil-branch tal-Bank attur ġewwa r-Rabat, Malta.

Peress illi fis-7 ta' Ottubru 1998 waqt li l-imsemmija Cettina Cilia kienet nieżla taraġ fl-istess branch waqgħet u kisret sieqha. Hija damet barra mix-xogħol għal madwar xahar. Meta irritornat għax-xogħol fid-9 ta' Novembru 1998 u filwaqt li kienet għadha ma irkupratx mill-inċident fuq imsemmija hija reġgħet waqgħet u kellha tittieħed l-isptar b'ambulanza fejn instab li kisret il-pelvis.

Peress illi l-imsemmija Cettina Cilia ma fiqietx mid-dannu li sofriet fuq il-persuna tagħha filwaqt li s-soċjetajiet konvenuti irrifjutaw li jħallsu d-danni sofferti mill-istess Cilia in kwantu rritenew li l-kundizzjoni li żviluppatilha ma kenitx kaġun tal-inċidenti de quo iżda kaġun ta' kondizzjonijiet mediċi pre eżistenti għall-istess inċidenti.

Peress illi skond il-poloz jirriżulta li diżabilita` għal aktar minn sena għandha titqies bħala diżabilita` permanenti li irriduċiet il-mobilita` indipendenti tagħha u għalkemm il-Bank għamel claim taħt il-General PA 005086 sal-lum l-assikuraturi għadhom inadempjenti.

Peress illi fl-4 ta' Awissu 2001 l-imsemmija Cettina Cilia mietet.

Peress illi fil-31 ta' Lulju 2002 Arthur Cilia, ir-raġel tad-defunta, u Bogdan Valentin Cilia, iben u l-unika eredi tad-defunta, ippreżentaw ittra uffiċjali kontra l-Bank attur li permezz tagħha l-imsemmija Cilia żammew lill-Bank attur responsabbli għaż-żewġ inċidenti tas-7 ta' Ottubru 1998 u tad-9 ta' Novembru 1998 fuq imsemmija minħabba li qed jirritjenu li l-inċidenti de quo seħħew esklussivament minħabba negligenza u/jew nuqqas ta' tħaris tar-regoli relattivi għas-sigurta` tal-ħaddiema/impjegati fuq il-post tax-xogħol u interpellaw lill-istess bank sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni minnhom sofferti.

Peress illi fl-4 ta' Diċembru 2003 il-Bank attur ippreżenta ittra uffiċjali kontra l-konvenuti Laferla Insurance Agency Limited (C-14529) bħala mandatarji u aġenti ta' Lloyds Malta Limited bħala rappreżentanti ex-lege tal-membri ta' Lloyds miġbura fis-sindikati numru 1027, 2027, 1069, 1173, 947 u 991; Micallef Insurance Agency Limited (C-5660) bħala aġenti u għan-nom u in rapprezentanza tad-ditta estera Independent Insurance Company Limited Atlas Insurance Agency Limited (C-5601) bħala aġenti u għan-nom u in rappreżentanza tad-ditta estera AXA Insurance p.l.c.; Allcare Insurance Agency bħala aġenti għan-nom u in rappreżentanza tad-ditta estera Assicurazione Generali s.p.a; Citadel Insurance p.l.c. (C-21550), Elmo Insurance Services Limited (C-3500).

Peress illi fit-12 ta' lulju 2004 l-imsemmija Cilia reġghu ippreżentaw ittra uffiċjali oħra kontra l-Bank attur.

Peress illi s-soċjetajiet konvenuti b'ittra uffiċjali kontra l-Bank attur datata 5 ta' jannar 2004 qed jirritjenu illi l-pretensjoni tal-imsemmija Cilia hija preskritta.

Peress illi f'każ li l-imsemmija Cilia jistitwixxu kawża kontra l-Bank attur u jkollhom eżitu favorevoli, il-Bank attur ikollu dritt u interess li jressaq il-pretensjonijiet tiegħu fuq l-assikuraturi tiegħu sabiex jiġi indennizzat għad-danni li talvolta jkun tenut iħallas lill-imsemmija Cilia.

Peres illi l-Bank attur għandu kull interess li ma jiddekadiex mid-dritt li jdur kontra u jiġi indennizzat mill-assikuraturi tiegħu fl-eventwalita` fuq imsemmija.

Peress illi d-danni pretiżi mill-imsemmija Cilia huma koperti taħt il-poloz ta' assikurazzjoni fuq imsemmija jew liema minnhom.

Jgħidu għalhekk l-istess konvenuti prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet fuq premessi għaliex din il-Qorti m'għandiex:-

1) Tiddikjara u tiddeċiedi illi fl-eventwalita` li l-imsemmija Cilia jistitwixxu b'eżitu favorevoli kontra l-Bank attur in konnessjoni mal-inċidenti fuq imsemmija, l-imsemmija danni li talvolta l-Bank attur jigi kkundannat iħallas a favur l-imsemmija Cilia, huma koperti mill-poloz ta' assikurazzjoni Employers Liability Insurance policy numru EL0050088 u/jew Group Personal Accident Insurance Policy Numru GPA 005086.

2) Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjetajiet konvenuti huma responsabbli għall-ħlas tal-"claim" tal-Bank attur skond it-termini tal-istess poloz ta' assikurazzjoni bl-interessi skond il-liġi.

3) Tillikwida r-riżarċiment u l-kumpens talvolta dovur lill-Bank attur;

4) Tikkundanna, jekk ikun il-każ, lis-soċjetajiet konvenuti iħallsu solidalment bejniethom lill-Bank attur dik is-somma hekk likwidata.

Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż kontra s-soċjetajiet konvenuti inġunti għas-subizzjoni."

Rat in-Nota tal-eċċezzjonijiet tas-Soċjetajiet Konvenuti preżentata fit-18 ta' Frar 2005 u maħlufa fl-istess jum minn Mark Laferla li permezz tagħha eċċepew is-segwenti:-

“1. Illi, preliminarjament s-soċjeta` attriċi ma għandhiex interess ġjuridiku sabiex tistitwixxi din l-azzjoni għaliex l-interess identifikat mis-soċjeta` attriċi (ċioe` illi ma tiddekadix mid-dritt ta’ azzjoni għal risarċiment taħt polza ta’ assikurazzjoni f’każ illi tiġi ppresentata kontra s-soċjeta` attriċi) ma jikkwalifikax bħala interess sostantiv u azzjonabbli. Dan id-dritt jippersisti (minngħajr ħtieġa ta’ priservazzjoni u minngħajr perikolu ta’ preskrizzjoni jew dekadenza) għal żmien ħames snin minn meta d-dritt jkun eżiġibbli – f’dan il-każ ċioe` meta il-kawża temuta tiġi effettivament preżentata u sfavorevolment deċiża. Il-materja ta’ preskrizzjoni sollevata mill-eċċipjenti tirrigwarda l-pretenzjonijiet tat-terzi (Cilia) u mhux dawk (eventwali) tas-soċjeta` attriċi.

2. Illi preliminarjament ukoll, s-soċjeta` attriċi ma għandhiex interess ġjuridiku tistitwixxi din l-azzjoni għaliex in-natura għal kollox ipotetika u sperimentali tal-azzjoni proposta ma tikkonformax ma dak definit bħala interess ġjuridiku fil-ġurisprudenza.

3. Illi l-azzjoni hija ntempestiva b’mod għal kollox insanabbli (anke bl-operazzjoni tad-duttrina ta’ *jus superveniens* tant illi dina l-Onorabbli Qorti ma tkunx fi grad (anke f’każ tal-ammissjoni immedjata tat-talbiet kollha attriċi mill-istanti) illi tgħaddi għas-sentenza mitluba billi l-oġġett tal-azzjoni – id-danni illi s-soċjeta` attriċi tkun kundannata tħallas f’kawża illi għadha ma saretx – għadhom indeterminati u sa issa ineżistenti u l-eżistenza ta’ tali danni hija dipendenti fuq l-eżitu ta’ kawża illi għadha ma ġietx preżentata, għadha ma ġietx deċiża u x’aktarx ma tiġix ppreżentata billi d-dritt ta’ azzjoni tat-terzi huwa preskritt.

4. Illi jiġi eċċepit ġeneralment iżda b’riferenza partikolari għall-ewwel żewġ talbiet attriċi, illi (in vista tan-natura ipotetika tat-talbiet attriċi) tali talbiet ma jistgħux jiġu milqugħa billi l-eventwali sentenza f’din il-kawża tista sservi biex tiżgura lis-soċjeta` attriċi indennizzar mill-eċċipjenti f’ċirkostanzi fejn tali indennizzar huwa eskuż taħt il-poloz rilevanti. Dan għaliex f’każ illi ssir il-kawża mis-suċċessuri ta’ Cettina Cilia, jistgħu jirriżultaw fatti illi jeskludu kopertura għaż-żewġ inċidenti (ossija d-danni naxxenti minnhom) taħt il-poloz maħruġa (inter alia) għar-raġunijiet imsemmija fid-dikjarazzjoni hawn mehmuża) jew altrimenti għaliex bejn id-data tas-sentenza mitluba f’din il-kawża (f’każ ta’ eżitu sfavorevoli għas-soċjeta` attriċi) u d-data tas-sentenza ottenuta mit-terzi (f’kawża sallum mhux ppreżentata), is-soċjeta` attriċi tista’ tippreġudika l-kopertura illi talvolta tipposjedi fir-rigward tal-inċidenti meritu tal-kawża.

5. Illi t-tielet u r-raba talbiet huma opposti għaliex jikkontemplaw il-likwidazzjoni u l-ħlas ta’ “kumpens” illi ma jistgħax jiġi likwidat u ċertament ma jistgħax jitħallas sakemm l-azzjoni tat-terzi – preskritta skond l-eċċipjenti – tiġi ppreżentata u deċiża kontra s-soċjeta` attriċi.

6. Illi f'kull każ u minngħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti, l-imgħax talvolta pagabbli mill-eċċipjenti jista' jibda jiddekkorri biss mid-data illi fiha (wara sentenza sfavorevoli għas-soċjeta` attriċi) jsir l-ħlas tad-debitu lil terzi mis-soċjeta` attriċi.

7. Illi l-eċċipjenti ma għandhomx jbatu l-ispejjeż ta' din l-azzjoni billi l-istess ġiet ppreżentata biss "biex il-Bank ma jiddekadix mid-dritt" tiegħu kontra l-eċċipjenti – effett illi kien jkun ottenibbli l-espedjent faċili tal-preżentata ta' ittra ġudizzjarja fil-ħin opportun.

8. Fil-meritu l-eċċipjenti jirrilevaw illi huma jaċċettaw illi, purche illi ma jirriżultax illi kien hemm xi ksur mis-soċjeta` attriċi tal-kondizzjonijiet tal-poloz tal-assikurazzjoni relattivi u purche d-danni riklamati huma tali illi s-socjeta` attrici hija koperta kontra tagħhom skond il-poloz, is-socjeta` attrici tkun koperta taħt il-poloz kontra d-danni illi hija tista' tbati bħala effett tal-incidenti subiti mid-defunta Cettina Cilia, u dan pero` sakemm tali kopertura ma tiġix sussegwentement preġudikata minn xi ksur tal-kondizzjonijiet tal-poloz relattivi illi jittrattaw l-obbligi tal-assikurat meta jsir claim taħt il-polza.

9. Salvi eċċezzjonijiet oħra."

Rat is-Sentenza parzjali mogħtija fis-7 ta' Lulju 2017 fejn din il-Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni kif sollevata mill-kumpaniji konvenuti fin-nota tagħhom tat-30 ta' Ġunju 2008 u li tinsab a` fol 230 tal-proċess;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta' Frar 2019 fejn il-kawża tħalliet għal-llum għas-sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Il-fatti ewlenin li joħorġu mill-atti proċesswali, kif esposti wkoll fis-sentenza in parte mogħtija fis-7 ta' Lulju 2017, juru s-segwenti;

1. Concetta sive Cettina Cilia, illum mejta, kienet taħdem bħala Manager fil-fergħa tal-Bank Attur tar-Rabat Malta. Is-sinjura Cilia kellha tlett inċidenti, wieħed fl-24 ta' Lulju 1998, l-ieħor fis-7 ta' Ottubru 1998 u l-ieħor fid-9 ta' Novembru 1998 (ara xhieda ta' Louise Crucetta a` fol 311).

2. Is-sinjura Cilia, meta kienet ħajja, u l-aventi causa tagħha, wara li mietet, addebitaw il-ħtija ta' dak li ġralha is-sinjura Cilia fl-aħħar żewġ inċidenti tas-7 ta' Ottubru 1998 u d-9 ta' Novembru 1998 lill-Bank Attur (ara xhieda u affidavit ta' Arthur Cilia a` fol 146 u 175). Difatti bdew jinterpellaw b'ittri uffiċjali lill-Bank attur f'intervalli ta' circa sentejn, dejjem qabel ma tiskadi l-preskrizzjoni biennali skont il-liġi, sabiex jersaq għal-likwidazzjoni tad-danni u ħlas tal-istess fl-aħħar żewġ inċidenti msemmija, però mingħajr qatt ma istitwew proċeduri biex jiddeduċu l-pretensjonijiet tagħhom.

3. Il-Bank attur jemmen li d-danni pretiżi mill-eredi tas-Sinjura Cilia huma koperti b'żewġ poloz li l-Bank kien assigurat taħthom matul il-perjodu li fih seħħew dawn l-inċidenti. Dawn huma l-Employers Liability Insurance Policy Numru EL005088 (a` fol 6) u Group Personal Accident Insurance Policy numru GPA005086 (a` fol 22).

4. Il-Bank Attur fil-fatt fetaħ mal-kumpaniji Konvenuti tlett claims taħt il-Group Personal Accident Insurance Policy konsegwentement għat-tlett inċidenti msemmija (ara notice of incidents a` fol 272, 281 u 301 u xhieda ta' Louise Crucceta a` fol 323) filwaqt li fetaħ ukoll żewġ claims taħt l-Employers Liability Insurance Policy konsegwentement għall-aħħar żewġ inċidenti biss, jiġifieri dak tas-7 ta' Ottubru 1998 u d-9 ta' Novembru 1998 (ara employers liability accident report forms a` fol 279 u 304).

5. Il-partijiet għamlu snin jikkorrispondu bejniethom biex jirrisolvu l-*claims* taħt il-Group Personal Accident Insurance Policy li għamel il-Bank Attur mal-kumpaniji Konvenuti wara l-inċidenti imsemmija (ara korrispondenza a` fol 241 et seq u 334 et seq).

6. Is-Soċjetajiet Konvenuti iżda ma humiex lesti li joffru kopertura ta' dawn l-inċidenti taħt il-Group Personal Accident Insurance Policy. Dan fuq ir-raġuni li s-sinjura Cilia ma sofritx debilita` permanenti kaġun ta' l-inċidenti msemmija bil-mod kif definit fil-polza inkwistjoni għaliex "Ms. Cilia was suffering from various conditions which do not relate to any accident which she had at the Bank but, unfortunately caused her death" (ara korrispondenza a` fol 455, 584, 652-654). Is-soċjetajiet Konvenuti sejsu din il-konklużjoni fuq dak dikjarat mit-tabib Dr. Rene Eminyan inkarigat mis-soċjetá Konvenuta Laferla insurance, bħala l-aġenti tal-Lead insurer Lloyd's

Malta Limited, fir-rapport tiegħu a` fol 162 fejn ikkonferma li "the marrow tumour – plasmocytoma – is the main underlying factor leading to Mrs Cilia's permanent disablement".

7. Is-soċjetajiet Konvenuti sostnew ukoll li l-claims taħt il-Group Personal Accident Insurance Policy huma preskritti għaliex wara li dawn tressqu, l-Bank attur baqa' inattiv għal żmien ta' iktar minn ħames snin sakemm ġiet istitwita l-azzjoni odjerna (ara deposizzjoni ta' Robert Baldacchino, General Manager ta' Laferla Insurance Limited datata 7 ta' Marzu 2007 a` fol 150 u Dok RB1 preżentat minnu a` fol 174). Sussegwentement din is-sottomissjoni ġiet kristallizzata f'eċċezzjoni ad hoc f'dawn il-proċeduri liema eċċezzjoni ġiet miċħuda minn din il-Qorti permezz tas-sentenza parzjali mogħtija fis-7 ta' Lulju 2017 (a` fol 774).

8. Il-pożizzjoni tas-soċjetajiet Konvenuti fir-rigward tal-Employers Liability Insurance Policy toħroġ mill-paragrafi tmienja (8) u disgħa (9) tal-affidavit ta' Robert Baldacchino, l-general manager tas-Soċjetá Laferla Insurance Agency (a` fol 124 ). Fl-affidavit tiegħu s-Sur Baldacchino ddikjara li "sakemm il-pretensjoni tal-imsemmija eredi tal-mejta Cettina Cilia ma tkunx preskritta skond il-Liġi, il-*claim* tal-Bank attur għal risarċiment ma jitqiesx bħala preskritt mill-assikurazzjoni." Is-sur Baldacchino jispeċifika madanakollu li fl-eventwalitá li l-imsemmija Cilia jistitwixxu b'eżitu favorevoli kawża

kontra l-Bank Attur in konnessjoni mal-inċidenti tas-7 ta' Ottubru 1998 u 9 ta' Novembru 1998, "ma jsegwix neċessarjament li l-Bank huwa intitolat li jiġi indennizzat taħt din il-polza, partikolarment jekk jirriżulta li kien hemm xi vjolazzjoni minn naħa tal-Bank" tal-obbligi tiegħu taħt il-polza, speċifikament l-obbligu impost taħt il-kundizzjoni numru 4 li jieħu "reasonable precautions to prevent accidents and disease and shall comply will all statutory obbligations".

**Punti ta' Liġi**

**2.** Permezz tal-ewwel żewġ talbiet, il-Bank Attur qed jitlob Sentenza dikjaratorja li d-danni li huwa jista jiġi kkundannat iħallas għaż-żewġ inċidenti tas-7 ta' Ottubru 1998 u d-9 ta' Novembru 1998 fl-eventwalitá li l-eredi tas-sinjura Cilia jistitwixxu azzjoni b'eżitu favorevoli kontra tiegħu, huma koperti mill-poloz ta' assikurazzjoni Employers Liability Insurance Policy u/jew Group Personal Accident Insurance Policy u li għaldaqstant is-soċjetajiet konvenuti huma responsabbli għall-ħlas tal-claim tal-Bank Attur skont it-termini tal-istess poloz.

**3.** Fit-tielet u r-raba talba, il-Bank Attur qed jitlob ukoll lil din il-Qorti tillikwida r-riżarċiment u l-kumpens talvolta dovut lill-Bank Attur u tikkundanna lis-soċjetajiet konvenuti iħallsu solidalment bejniethom lill-Bank attur dik is-somma hekk likwidata.

**4.** Permezz ta’ nota (a` fol 223), il-Bank attur wera interess li jirriduċi t-talbiet attriċi tiegħu fil-kawża odjerna għal dikjarazzjoni ġudizzjarja illi d-dritt ta’ azzjoni li l-bank attur għandu kontra s-soċjetajiet konvenuti naxxeti miż-żewġ poloz ta’ assikurazzjoni ma hux preskritt. Fir-risposta tagħhom is-Soċjetajiet Konvenuti ma qablux ma’ din id-dikjarazzjoni vis-a-vis l-Group Personal Accident Insurance Policy numru GPA 005086 (a` fol 226). Difatti is-Soċjetajiet Konvenuti ressqu permezz ta’ nota eċċezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni taħt l-Artikolu 2156(f) fil-konfront tal-imsemmija polza Group Personal Accident (a` fol 230). Dan wassal għal sentenza parzjali mogħtija fis-7 ta’ Lulju 2017 permezz ta’ liema din il-Qorti ċaħdet l-istess eċċezzjoni.

**5.** Minkejja s-sentenza parzjali, l-Bank baqa’ ma rtirax formalment it-talbiet kif dedotti fir-rikors promotur bil-mod kif spjegat fin-nota imsemmija. Fin-nota ta’ sottomissjonijiet preżentata minnu iżda, huwa għarraf li din il-Qorti hija inabilitata li tiddeċiedi t-tielet u r-raba’ talba billi huma prematuri (a` fol 815). Madanakollu huwa għażel li ma jirtirahomx għal raġunijiet indikati fl-istess nota.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

**6.** Is-soċjetajiet konvenuti laqgħu għal din l-azzjoni permezz ta’ żewġ eċċezzjonijiet dilatorji ewlenin li huma nuqqas ta’ interess ġjuridiku u intempestivitá.

**7.** Din il-Qorti sejra tgħaddi biex tikkunsidra l-ewwel eċċezzjoni li tirrigwarda l-karenza ta’ interess ġuridiku. Il-Konvenuti jsostnu li l-Bank

attur m'għandux interess ġjuridiku sabiex jistitwixxi din l-azzjoni "għaliex l-interess identifikat mis-soċjetá attriċi ...... ma jikkwalifikax bħala interess sostantiv u azzjonabbli" u "għaliex in-natura għal kollox ipotetika u sperimentali tal-azzjoni proposta ma tikkonformax ma dak definit bħala interess ġjuridiku fil-ġurisprudenza".

**8.** Il-liġi ma tipprovdix enunċjazzjoni espressa ta' x'jikkostitwixxi interess ġuridiku. Id-dottrina legali u l-ġurisprudenza fuq din il-materja hija madanakollu voluminuża. Minn din il-ġurisprudenza l-Qorti tal-Appell fis-Sentenza li għaliha saret referenza mis-soċjetajiet konvenuti stess (a` fol 821) **Agatha Formosa Gauci vs Dr. Francis Lanfranco et datata 28 ta' Novembru 2013**, siltet disgħa prinċipji li għandhom "iservu ta' gwida li fuqhom għandha timxi Qorti biex tirriżolvi vertenza ta' din ix-xorta." Dawn huma s-segwenti:

1. l-interess (ġuridiku) meħtieġ irid ikun wieħed dirett, leġittimu, kif ukoll attwali.
2. l-istat attwali ta' ksur ta' jedd jikkonsisti f'kundizzjoni pożittiva jew negattiva li xxejjen jew tinnewtralizza dritt li jkun jappartjeni lid-detentur jew lil dak li lilu jkun mistħoqq;
3. l-interess ġuridiku fl-attur huwa dak li l-imħarrek jirrifjuta li jagħraf il-jedd ta' l-istess attur u dan billi kull persuna għandha d-dritt titlob li, fil-konfront tagħha, isir ħaqq jew tiġi msewwija inġustizzja li tkun ġiet magħmula kontriha.

4. l-interess ġuridiku irid ikun iwassal għal riżultat ta' utilita` u vantaġġ għal min irid jeżerċita l-jedd. Jekk l-azzjoni ma tistax twassal għal tali riżultat għal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax treġi.
5. l-interess ġuridiku jrid jibqa' jissussisti matul il-ħajja kollha ta' l-azzjoni, u mhux biss fil-bidu tagħha. Jekk l-interess jintemm, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imħarrek jinħeles milli jibqa' fil-kawża;
6. l-interess ta' l-attur għandu jkun jidher mill-att taċ-ċitazzjoni nnifisha. Għalkemm il-mottiv ta' l-interess mhux meħtieġ li jkun imsemmi fiċ-citazzjoni, dan għandu jirriżulta mill-provi jekk kemm-il darba jiġi kkuntrastat;
7. fil-prattika ġudizzjarja, wieħed jista' jippromuovi kawża biex jikseb dikjarazzjoni preordinata għal azzjoni definittiva u aħħarija, minkejja li din ma tkunx ġiet inkluża fl-azzjoni ta' aċċertament. Madanakollu, f'każ bħal dan, il-Qorti trid tkun sodisfatta li jkun hemm l-interess meħtieġ, anki preordinat għall-kawża l-oħra, u li d-dikjarazzjoni hekk miksuba tkun tifforma l-bażi tal-kawża l-oħra li tista' ssir aktar 'l quddiem;
8. l-interess mhux bilfors ikun wieħed li jiġi kkwantifikat f'somma determinata ta' flus jew ġid, imma jista' jkun imsejjes biex iħares jew jagħti għarfien għal jedd morali jew soġġettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wieħed ipotetiku.

9. jekk azzjoni, għalkemm tkun imsejsa fuq jedd ta' l-attur, tkun maħsuba biss biex tirreka ħsara lill-imħarrek bla ebda vantaġġ utli lill-attur tali azzjoni titqies bħala waħda illegali – azzjoni magħrufa fid-duttrina bħala waħda *acta ad aemulationem* – u titqies li fiha jkun jonqos l-interess ġuridiku meħtieġ.

**9.** In sostenn tal-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' interess ġuridiku, is-soċjetajiet Konvenuti jiddistingwu n-natura legali taż-żewġ poloz in diżamina.

**10.** Dwar l-interess tal-Bank fil-konfront tal-Group Personal Accident Insurance Policy, is-soċjetajiet Konvenuti jinsistu li din "**ma hiex** *indemnity policy*, iżda tagħti lok għal claim għal ħlas mingħajr ma jkun hemm xi ħtija tal-assikurat. …... Fi kliem ieħor, ma tinħtieġ ebda kawża minn Cilia u ebda kundanna biex il-Bank attur iressaq *claim* taħt din il-polza. Għalhekk l-ewwel talba tal-Bank attur ma tistgħax, fir-rigward ta' din il-polza, tiġi milqugħa għaliex ma tinkwadrax ruħha mal-operazzjoni tal-polza. ...... il-kawża illi jistgħu jagħmlu Cilia ma jwassalx biex id-drittijiet tal-Bank attur taħt il-polza jiġu identifikati u s-sentenza eventwali ma tkunx pronunzjament ġudizzjarju dwar l-istess. Fi kliem ieħor, is-somma illi possibiment jiksbu Cilia fil-kawża tista' tkun biss is-somma pagabbli taħt il-polz*a Employer's Liability* iżda qatt taħt il-polza *Group Accident Policy* illi jipprospetta ħlas lill-assikurat innifsu u mhux lit-terzi bi pretenzjoni kontra l-assikurat." (ara nota ta' sottomissjonijiet a` fol 820).

**11.** Din il-Qorti taqbel essenzjalment ma din is-sottomissjoni. Kif qablet il-Qorti Ċivili Prim'Awa ma' dak ritenut mill-perit legali fis-sentenza **Vincent Bone vs Sammy Meilaq pro et noe** datata 24 ta' Mejju 2005, "*Personal accident insurance policy hija a benefit policy mhux a liability policy. Ghalhekk waqt li per eżempju employers' liability insurance policy topera biss jekk il-ħaddiem li bata d-danni jipprova li dak li ġralu seħħ tort tal-prinċipal tiegħu, fil-każ ta' personal accident insurance policy il-ħlas tal-benefiċċju jsir indipendentement ta' min hu t-tort.*"

**12.** Mill-premessi u t-talbiet joħroġ ċar li l-iskop tal-Bank attur wara din l-azzjoni huwa li jippreżerva d-dritt li jgawdi kopertura f'każ li l-eredi tas-sinjura Cilia jistitwixxu azzjoni għal riżarċiment ta' danni *ex delicto* a tenur tal-Artikoli 1032 u 1033 tal-Kodiċi Ċivili u mhux azzjoni għal riżarċiment ta' ammont ex contractu naxxenti u koperti minn polza ta' assigurazzjoni.

**13.** Tant hu hekk li l-Bank attur qed jitlob dikjarazzjoni, likwidazzjoni u kundanna għal ħlas taħt il-poloz in kwistjoni fir-rigward ta' danni kaġunati fuq is-Sinjura Cilia fl-aħħar żewġ inċidenti biss datati 7 ta' Ottubru 1998 u 9 ta' Novembru 1998 u mhux l-ewwel inċident tal-24 ta' Lulju 1998 ukoll. Dan proprju għaliex l-azzjoni temuta mill-bank hija proprju waħda li fiha l-eredi tas-sinjura Cilia jfittxu li jiġi attribwit lilu t-tort, bħala prinċipal tas-sinjura Cilia, għall-korriment li hija ġarrbet fl-aħħar żewġ inċidenti u mhux waħda li fiha jfittxu li jiġi onorat dak imwiegħed fil-kuntratt ta' assikurazzjoni Group Personal Accident Insurance Policy li daħal fih il-

Bank attur għall-benefiċċju tal-istess Cilia a tenur tal-artikolu 1000 tal-Kodiċi Ċivili (ara f'dan is-sens **Carmelo Camilleri et vs John Preca pro et noe, Qorti Ċivili Prim' Awla 13 ta' Ġunju 2002).**

**14.** Kien għalhekk li, b'differenza mill-Group Accident Insurance Policy, il-Bank attur fetaħ claims taħt l-Employers Liability Insurance Policy għall-aħħar żewġ inċidenti biss u mhux għall-ewwel inċident ukoll (ara xhieda ta' Louise Crucetta a` fol 323). Dan jirriżulta anke mid-*draft letter* indirizzata lil Arthur Cilia, żewġ Cettina Cilia, fejn hemm miktub li l-Bank ma hux se jistitwixxi azzjoni sabiex is-Soċjetajiet konvenuti jonoraw il-claim taħt il-Group Personal Insurance Policy bl-iskop li ma jikkompromettix il-claims li huwa ressaq taħt l-Employers liability policy (ara fol 567).

**15.** Min dan isegwi li din il-kawża ma hijiex meħtieġa għal preservazzjoni tad-drittijiet tal-Bank attur taħt il-polza group personal accident insurance policy. Fit-termini tas-seba prinċipju senjalat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ċitata supra, d-dikjarazzjonijiet mitluba f'din il-kawża fil-konfront tal-polza group personal accident insurance policy ma tista' tifforma ebda bażi tal-kawża l-oħra li tista' ssir 'il quddiem mill-eredi tas-sinjura Cilia u għalhekk ma hijiex meħtieġa.

**16.** Dwar l-interess tal-Bank fil-konfront tal-polza Employer's Liability, is-Soċjetajiet Konvenuti ripetutament ikkonfermaw, kif anke senjalat fil-fatti elenkati supra, li "l-Bank attur huwa kopert taħt il-polza kemm-il darba

l-Bank Attur ma jiksirx l-obbligi tiegħu taħt dik il-polza fiż-żmien futur" bil-mod kif spjegat fir-raba eċċezzjoni (a` fol 107) u fil-paragrafi 8 u 9 tal-affidavit ta' Robert Baldacchino (ara a` fol 124 - para iv tan-nota ta' sottomissjonijiet a` fol 822) u fix-xhieda tal-istess Robert Baldacchino (a` fol 151).

**17.** Din l-azzjoni għalhekk lanqas ma tista' treġi fil-konfront tal-polza Employers Liability billi, fid-dawl tar-raba' prinċipju senjalat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ċitata supra, ma twassal għall-ebda "riżultat ta' utilitá u vantaġġ" għall-Bank Attur.

**18.** Għaldaqstant jonqos fil-bank attur l-interess ġuridiku biex jippromwovi din l-azzjoni. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, m'huwiex il-każ li l-Qorti tgħaddi biex tistħarreġ l-eċċezzjonijiet l-oħra sollevati mis-soċjetajiet konvenuti.

**Decide**

Għaldaqstant u għar-raġunijet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi;

1. Filwaqt li **tilqa' l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni** tas-soċjetajiet konvenuti;

2. Tastjeni milli tqis il-bqija tal-eċċezzjonijiet sollevati mis-soċjetajiet konvenuti;

3. Teħles lill-istess soċjetajiet konvenuti milli jibqgħu iżjed fil-kawża u ċioe' mill-osservanza tal-ġudizzju;

4. Tordna li l-ispejjeż kollha tal-kawża jitħallsu mis-soċjetá attriċi salv għal dawk tas-sentenza parzjali tas-7 ta' Lulju 2017 li għandhom ikunu unikament sopportati mill-konvenuti.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**